KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

14 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fis-6.30 ta' fil-għaxija.

PREŻENTI:

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Antonello Cuschieri – Kunsillier 18:40
Carmen Borg - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier 18: 45

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Louise Portelli - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Louise Portelli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 28 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku nfurma li baqa' mingħajr konferma uffiċjali dwar l-iStatwa ta' Santa Liena.

29.3.2 Il-Viċi Sindku staqsa kif il-Kunsill approva li Sala Joe Zammit Cordina tintuża mill-Girl Guides kull nhar ta' Ġimgħa. Is-Sindku spjega li din l-għaqda m'għandix sede fejn tiltaqa' u kien għalhekk li l-Kunsill approva din it-talba. Is-Sindku nfurma li f'każ li l-Kunsill ikollu bżonn juża s-Sala jsiru arranġamenti mal-Guides. Il-Kunsill iċċara li ġaladarba l-Kunsill ma jkollux bżonn is-Sala nhar ta' Ġimgħa, din tkun tista' tintuża mill-Guides.

29.3.3 Is-Sindku nfurma li l-forom tal-presepji tlestew. Dan kollu ġie kkonfermat mill-kunsillier Carmen Borg.

29.3.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li jinsab sodisfatt bis-suċċess miksub permezz tal-Festival taċ-Ċikkulata, fejn għall-edizzjoni ta' din is-sena attendew bosta turisti. Barra minhekk il-Kunsill ġie avviċinat ukoll sabiex dan il-Festival jipparteċipa f'Festival taċ-Ċikkulata li jsir fl-italja, iżda minħabba li l-festival se jinżamm fi żmien qarib, dan ma setax ikun possibli. Is-Sindku infurma wkoll li kien sodisfatt bis-sehem tal-għaqdiet u anke residenti li offrew li jipparteċipaw fil-Festival permezz ta' wirjiet. Is-Sindku rringrazzja lill-membri kollha li taw sehemhom sabiex dan il-festival iżomm il-livell għoli li dejjem kellu.

29.3.5 Is-Segretajru Eżekuttiv irringrazzjat ix-xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill, b'mod partikolari l-handymen li litteralment tbasswru biex ilaħħqu max-xogħol. Fuq dan l-ispunt is-Segretarju Eżekuttiv talbet li l-Kunsill jinfurma lis-Sur Andrew Farrugia, sabiex għas-sena d-dieħla t-transport għall-ġarr tax-xogħol tiegħu jieħu ħsiebu hu għaliex ma kienx sew li l-ħaddiema kellhom ilaħħqu ma kollox weħidhom. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li kien hemm sidien tal-ħwienet li gergru għaliex ma biegħux daqs is-sena li ghaddiet, waqt il-festival. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma li l-artisti li ġab hu, marru tajjeb ħafna ukoll u kienu sodisfatti.

29.3.6 Is-Sindku nfurma li l-filming tal-Film Internazzjonali Entebbe se jsir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2016. Sfortunatament, minħabba li din il-produzzjoni għandha Budget żgħir il-Kunsill ma setax jingħata kumpens finanzjarju.

29.3.7 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ġie avviċinat mis-Sur Joseph Camilleri fejn qed jitlob Special Parking Permit għall-vettura tax-xogħol tiegħu. Il-Kunsill approva din it-talba.

29.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li rċeviet korrispondenza minn AIB Insurance dwar il-każ tas-Sur Owen Mifsud li qed jitlob kumpens ta' 'l fuq minn €700 minħabba d-danni li soffra meta tqaċċtet siġra u ġiet direttament fuq il-windscreen tal-vettura. AIB Insurance qed tinfurma li mhux taċċetta li tkopri t-talba tas-Sur Mifsud. Dwar dan il-Kunsill talab jekk hux legali jew le li l-Insurance tirrifjuta li tagħti l-kumpens għal dan il-każ sfortunat. Għaldaqstant il-Kunsill se jitlob parir mingħand l-Avukat dwar dan.

29.3.9 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill ġie avviċinat mis-Sur Benjamin Farrugia fejn qed jitlob Special Parking Permit għall-vettura li għandu 'Taxi' tal-Kumpanija Garden of Eden. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' dan il-permess.

29.3.10 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar RWP1-1120/16 – Extensive Patching in Triq Karmenu Abela, Triq Giovanni Barbara & St. Joseph High Road, fejn il-Korporazzjoni oġġezzjonat li jsir extensive patching jekk kemm-il darba ma jinbidlux is-servizzi tal-Ilma eżistenti fi Triq Karmenu Abela u Triq Giovanni Barbara. Is-Sindku nfurma li skont l-istima ppreżentata mill-Korporazzjoni, l-Kunsill se jkollu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jammontaw għal €10,535.48. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li jkun għaqli jekk il-Kunsill jiddiskuti Programm ta' Xogħlijiet u jitħejja rapport mill-Perit sabiex jiddaħħal fil-Budget tas-Sena d-dieħla, biex b'hekk l-ispejjeż ikunu ċari u l-ammonti budgeted ikunu reali.

29.3.11 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill qed ikollu bosta lmenti dwar French Hornets f'areas partikolari tal-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat stima li ngħatat mis-Sur Brian Borg. Il-Kunsill approva li ssir site inspection u s-Sur Borg iħejji rapport ta' xi jkun sab.

29.3.12 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand Mro Manuel Pirotta fejn qed joffri li l-Orkestra tal-Junior College terġa' torganizza Kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali San Gejtanu. Il-membri, filwaqt li qablu li jinżamm dan il-Kunċert, ipproponew li din is-sena l-Kunċert jinżamm fil-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni. Is-Sindku nfurma li se jinfurma lil Mro Pirotta b'dan.

29.3.13 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-kumpanija drammatika 'Darc Promotions' qed titlob li tuża Sala Joe Zammit Cordina sabiex jittellgħu Korsijiet tad-Drama għall-pubbliku. Sar qbil li l-Kunsill japprova din it-talba għal nhar ta' Sibt biss minħabba l-fatt li nhar ta' Ġimgħa din is-sala tkun qed tintuża mill-Girl Guides. Il-Kunsill approva wkoll li tingabar Garanzija għall-ħsarat li jista' jsir fl-istess sala.

29.3.14 Is-Sindku nfurma lill-memri li l-Kunsill ġie avviċinat mis-Sur Paul Azzopardi fejn qed jitlob li titneħħa lampa li għandu mal-faċċata sabiex ikun possibli li jwaqqa' l-binja tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat stima mingħand il-Kuntrattur, li tammonta għal €405. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk hux possibli li l-Kunsill jitlob li dawn l-ispejjeż jitħallsu mis-sid u mhux mill-Kunsill, imma sakemm daħlet għas-Seduta kienet għadha mingħajr risposta. Il-Kunsill qabel li jkollu d-direzzjoni tad-DLG.

29.3.15 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Greenpak bit-tema 'Nirriċikla għall-Istrina'. Il-Kunsill approva li jkun parteċipi f'din l-inizzjattiva.

29.3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Mario Debono ta' Maypole Ltd, dwar it-traffic management propost fi Triq Joe Abela Scolardo, fejn is-Sur Debono qed jitlob li l-Kunsill ma jagħmilx is-central strip proposta quddiem il-ħanut tiegħu. Is-Sindku fisser li l-Kunsill diġa stieden lir-residenti u l-ħwienet eżistenti ta' Triq Joe Abela Scolaro dwar dan il-proġett u l-Kunsill approva li l-pjanti diskussi mal-istess residenti, tressqu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk tal-ħwienet kienux mistiedna għal-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku kkonfermaw li tal-ħwienet kienu mistiedna u fil-fatt kien hemm min attenda. Il-Viċi Sindku qal li hu ma kienx infurmat bil-laqgħa mar-residenti u meta s-Sindku qallu li l-każ huwa magħluq, il-Viċi Sindku oġġezzjona għaliex hu ressaq il-punt tiegħu fuq il-korrispondenza ppreżentata minn Maypole Ltd u għaldaqstant ma jistax ma jiddiskutix korrispondenza li twasslet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nfurma wkoll li hu ltaqa' mas-Sur Sebastian Debono minn Maypole Ltd u diġa ddiskutew dan il-proġett, għaldaqstant il-każ huwa magħluq. Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello, rrimarka li fil-passat kienu saru tentattivi biex fl-istess triq isiru proġetti simili u dejjem sabu resistenza mir-residenti, fosthom minħabba l-ilmijiet tax-xita li jgħaddi minn din it-triq. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Mario Debono u flimkien jiddiskutu l-proġett propost sabiex tinstab soluzzjoni għall-partijiet kollha.

29.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat talba mingħand l-istaff klerikali sabiex jibdlu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom. L-istaff qed jitlob li l-ħinijiet tal-uffiċċju jiġu mis-7.15a.m. sal-4.00p.m u fis-7.30a.m. jinfetaħ il-Customer Care għar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hekk ir-residenti jkunu ggwadanjaw 30 minuta għall-qadi tagħhom u dak li jkun ikun jista' jiġi jinqeda qabel imur għax-xogħol ukoll. Barra minhekk m'hemmx lok li l-bieb tal-Customer Care jingħalaq fl-4.00p.m. u l-istaff jibqa' fl-uffiċċji sal-4.30p.m. Il-Kunsill approva li l-ħinijiet tal-istaff klerikali jsir mis-7.15a.m. sal-4.00p.m, b'effett mill-1 ta' Diċembru 2016.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

29.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera

## 29.5 Rapporti

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-3rd Quarter Financial Indicator, fejn jidher li l-Kunsill kellu Surplus ta' €28, 203.

29.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-Rapport Finanzjarju Festival taċ-Ċikkulata 2016 se jkun ippreżentat fis-Seduta li jmiss sabiex jinġabru l-ispejjeż kollha.

## 29.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa

29.6.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li fil-ġranet li ġejjin se jinbeda x-xogħol fuq il-pavimentar ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni, fejn mistennija jiġu nstallati uplighters fl-istess bankina. Is-Sindku ppropona li l-fanali, li se jinqalgħu minn quddiem il-knisja jiġu nstallati xi mkien ieħor. Għaldaqstant, issuġġerixxa lill-membri sabiex jaħsbu ftit fejn jistgħu jiġu nstallati dawn il-fanali. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn il-fanali jsiru quddiem il-Kappella tad-Duluri fi Triq Joe Abela Scolaro.

29.6.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jidħol għall-inizzjattiva ta' Bank tal-Ħwejjeġ sabiex ir-residenti jiddisponu minn ħwejjeġ u żraben, liema bin jiġi nstallat fil-pjazza tal-Kunsill. Tqajjmet diskussjoni dwar din l-inizzjattiva u filwaqt li l-Kunsill qabel unanimament, kien għadu mhux ċert fejn dan il-bin għandu jitpoġġa.

29.6.3 Is-Sindku nfurma lill-membri li saret laqgħa mas-sidien tal-ħwienet ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, fejn minkejja l-attendenza fqira, ħarġu punti validi ħafna. Matul din il-laqgħa ġew proposti numru ta' attivitajiet għal żmien il-Milied, sabiex il-Kunsill iħajjar lill-pubbliku Malti jżur il-lokalita' u jixtri mill-ħwienet tal-Ħamrun. Is-Sindku nfurma li Triq il-Kbira San Ġużepp iżżejnet b'dekorazzjonijiet tal-Milied u se jkun qed idur lil dawk il-ħwienet li reġgħu ma pparteċipawx f'din l-inizzjattiva. Is-Sindku nfurma li bħalma sar is-sena li għaddiet l-Għaqda Armar Liberty se tieħu ħsieb iżżejjen l-area tal-Blata l-Bajda, fejn il-Kunsill iħallas għal konsum tad-dawl. Is-Sindku nfurma li d-diriġenti ta' Radio Galaxy qed jissuġġerixxu li jsir Christmas Channel fuq it-trombi, tul Triq il-Kbira San Ġużepp u qed joffri skema ta' reklamar għall-ħwienet tal-Ħamrun.

29.6.4 Is-Sindku spjega li tkun idea tajba jekk il-Kunsill jinvesti f'sett ta' dawl dekorattiv sabiex jiġu mżejna l-pjazez tal-lokalita' f'dawn il-ġranet ta' festi. Is-Sindku ppropona li jsiru Christmas Trees bid-dawl fi Pjazza San Pawl u Pjazza Kappillan Valletta, fejn il-pjazza tal-aħħar tiżżejjen mill-Għaqda Armar Immakulata Kunċizzjoni. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

29.6.5 Is-Sindku fisser li nibtet l-idea li nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2016, fl-10.00a.m. tinżamm *Bike Ride* sabiex jinġabru fondi għal Marigold Foundation, fejn kulħadd huwa mħeġġeġ jilbes ta' Fr. Christmas. Din il-Fondazzjoni taħdem sabiex issir riċerka fuq il-Mard Rari u tgħin bosta ċittadini Maltin u Għawdxin. Is-Sindku fisser li din il-*bike ride* se titlaq minn quddiem *Daniels' Shopping Complex*, issir dawra ma' Malta u terġa' tintemm fi Triq il-Ferrovija, fejn ikun hemm ftit entertainment għal bikers li jattendu għar-*ride*.

29.6.6 Is-Sindku ppropona li nhar is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Diċembru jiġu armati stalls quddiem dawk il-ħwienet magħluqin tul Triq il-Kbira San Ġużepp u minnhom jinbiegħu prodotti relatati mal-Milied, bħal Mulled Wine eċċ. Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joqgħod attent x'jinbiegħ mill-istalls.

29.6.7 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri rrimarka li mhux sew li dawn l-affarijiet jiġu diskussi meta diġa hemm deċiżjoni dwarhom, barra mill-Mejda tal-Kunsill. Barra minhekk huwa ferm importanti li attivita' bħal ma hu l-Christmas Market tinżamm fl-area tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier Cuschieri qal li l-attivitajiet bħal Festival taċ-Ċikkulata u Karnival saru fi Triq il-Kbira San Ġużepp u għaldaqstant il-Christmas Market għandu jsir fl-area tal-Kunċizzjoni. Tqajjmet diskussjoni dwar dan is-suġġett u sar qbil li l-Christmas Market jinżamm fi Triq il-Kappillan Mifsud fit-12 u 13 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Għaqda Armar Immakulata Kunċizzjoni sabiex iżżejjen Triq Kappillan Mifsud b'fustuni tad-dawl, filwaqt li jkun hemm entertainment għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel unanimament ma dawn iż-żewġ proposti.

29.6.8 Is-Sindku ppropona li bħalma kien isir fil-passat, jinġieb Kor u jkantaw Christmas Carols fit-toroq tal-lokalita'. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li se tieħu ħsieb tagħmel kuntatt mal-Korijiet.

29.6.9 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jagħmel kjarifika dwar il-Christmas Market. Il-Kunsillier Buttiġieġ qal li dakinhar li ltaqgħu mas-sidien tal-ħwienet, is-Sur Mario Camilleri qal li l-idea tal-Christmas Market ipproponewha tal-ħwienet, meta fil-fatt, hu kien ressaq din il-proposta xhur ilu, għall-attenzjoni tal-Kunsill u enfasizza li l-attivita' għandha ssir fl-area tal-Kunċizzjoni.

29.6.10 Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li, bħalma jsir kull sena, jinżammu żewġ attivitajiet immirati għat-tfal u l-anzjani Ħamruniżi, nhar il-5 u 6 ta' Jannar 2017, fil-Valentine Hall, bi prezz issusidjat. Sar qbil li l-biljett jinbiegħu € 3 għall-attivita' tat-tfal u € 5 għall-attivita' tal-anzjani. Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li minflok il-goody bag għat-tfal, din is-sena l-Kunsill jagħti ktieb bil-malti, biex b'hekk titqajjem aktar kuxjenza favur il-Qari fost it-tfal Ħamruniżi. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mill-Kunsillier Carmen Borg unanimament.

29.6.11 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li bħalissa hemm korrispondenza għaddejja bejn il-Kunsill u l-organizzaturi tal-Festival taċ-Ċikkulata ta' Perugia, fejn kitbu lura li huma nteressati jaħdmu mal-Kunsill Lokali. L-unika problema hi li dan il-festival jinżamm fl-istess żmien tal-Festival taċ-Ċikkulata fil-Ħamrun. Biss, il-Kunsill ġie avviċinat mill-organizzaturi tal-Festival taċ-Ċikkulata li jinżamm f'Taormina fejn offrew li l-Kunsill itella' artisti maltin taċ-Ċikkulata u jipparteċipaw fil-festival tagħhom. Huma lesti jħallsu l-accomodation tal-artisti.

29.6.12 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa kienx hemm żviluppi dwar it-talba għal One Way System fi Triq Lord Byron.

29.6.13 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa xi żvilupp kien hemm dwar il-Proġett ta' Tisbiħ ta' Pjazza Kappillan Muscat. Is-Sindku ppreżenta l-istima mħejjija mill-Perit tal-Kunsill, liema stima tammonta għal €38,828.98. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se japplika għall-Permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar u se jiddiskuti mal-istess Awtorita' sabiex dan it-tisbiħ isir mill-Fondi tal-Urban Improvement Fund (UIF). Il-Kunsill approva din l-istima unanimament.

29.6.14 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li fi Triq Kanonku Bonnici, wara li sar ix-xogħol ta' resurfacing, il-kurduni tal-bankina spiċċaw kollha mtajjra bil-makkinarju. Sar qbil li l-Kunsill jiġbor stima tax-xogħol meħtieġa f'din it-triq.

29.6.15 Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li ssir kommemorazzjoni fuq il-Monument tal-Vittmi Ħamruniżi, bħalma sar is-sena li għaddiet. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

29.6.16 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li fi Triq Villambrosa k/m Triq Manwel Magri m'hemmx bankina u hemm periklu. Sar qbil li tintalab stima għal estensjoni tal-bankina.

29.6.17 Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalma forsi raw, l-istatwa tal-Madonna tpoġġiet fil-pjazza tal-Kunsill. Dan ix-xogħol sar kollu b'mod volontarju mis-Sur Charles Tonna. Is-Sindku ppropona li tinżamm Quddiesa u wara jsir it-Tberik tal-iStatwa. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 21.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

## 29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-8.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016, fis-6.00p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2016***

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |